CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 02

Il-Ġimgħa, 5 ta' Lulju 2019

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fid- 15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Vici Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.10pm.

## 02.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

02.1.1 Ma kienx hemm ebda ittri ta' apoloġija ħlief is- Sinjura Scerri avzat lis- SE li ser tiġi tard għal laqgħa peress li ħa tkun xogħol.

## 02.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

02.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat- Tieni Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

02.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 02.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

02.3.1 Is-Sindku talab lis- SE biex għal laqgħa li jmiss tal-Kunsill jistieden il-Kuratur ta' Casino Notabile biex nitkellmu rigward Casino Notabile

02.3.2 Is- Sindku qal li hekk kif għada kif ġiet ppublikata il-Bye- Law il-ġdida fir-rigward tal-Karozzini biex jidħlu ġewwa l-Mdina ikun tajjeb li tissejjaħ laqgħa ma 'dawk il-kuċċiera interssati li joperaw ġewwa l-Mdina u li fiha jkun prezenti l-avukat tal-Kunsill biex jispjega fid-dettal din il-bye-law.

02.3.3 Is-Sindku talab lis- SE biex jikteb lid- Dipartiment għal Gvern Lokali u jitlob direzzjoni fir-rigward tal-Bye-Law li jirregola id-dħul ta' taxis 3(d) fejn tgħid " *taxi-cars, u karrozzi mikrija bix-xufier, ikollhom biss aċċess u passaġġ fl-Mdina, mingħajr parkeġġ, biex iwasslu residenti minn u lejn lukandi u residenzi fl-Imdina"* jekk il-kelma lukandi tinkludix ukoll airbnb, motel u guest houses.

02.3.4 Is- Sindku kien qed jissuġerixxi li l-ikla fl-okkazjoni ta' Jum L-Imdina ssir nhar il-Ġimgħa 30 ta' Awwissu 2019. Il-Kunsill approva u talab lis- SE biex iġib xi kwotazzjonijiet.

02.3.5 Is- Sindku talab lis- SE biex jkteb formalment lis- Sur Claudio Marciano b'ringrazzjament tal-għoti ta' *door panels* għal kaxxi ta' l-elettriku.

02.3.6 Is- Sindku huwa tal-fehma li hekk kif fil-leġislatura l-oħra, il-Kunsill kien ftiehem li jqabbad il-perit tal-Kunsill biex jibda l-proċess ta' applikazzjoni b'rabta ma' l-iskema ta' Sebbaħ il-lokal fi ħdan l-Awtorita ta' L- Ippjanar, li jinbeda il-proċess mill-aktar fiss possibbli.

**02.04 Management Letter- Risposta tal-Kunsill**

02.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill kopja tal-Management Letter ta' l-Awdituri. (Meħmuz) kif ukoll draft ghar-risposta tal-Management Letter.

02.4.2 Wara diskussjoni qasira s-Sindku PSM ippropona li din tigi mwiegba skont ir-risposta proposta. (meħmuż). Il-Kunsill qabel unanimament.

**02.05 Ħrug ta' Tenders għal Knis tat-Toroq u Manutenzjoni tal-Ġonna u Casino Notabile**

02.5.1 Is- SE infurma lill-Kunsill li nhar- it-Tlieta 9 ta' Lulju 2019 ser tinħareġ sejħa għall-offerti għal Knis tat- Toroq MLC02-2019 u Manutenzjoni tal-Ġonna MLC01-2019. Fir-rigward għal manutenzjoni ta' Casino Notabile, is- SE infurma lill-Kunsill li għada mhix lesta biex tiġi ppublikata u ser toħroġ nhar it-Tlieta 16 ta' Lujlu. Il-Kunsill approva.

02.5.2 Għal dawn it-Tenders ġew maħtura l-Bord ta' Aġġudikazzjoni.

**02.6 Abbozz ta' Ftehim ma' l-Awtorita' Tat- Turizmu fuq il-fond Uffiċċju ta' l-MTA**

02.6.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra abbozz ta' ftehim għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill biex jiġi ffirmat kuntratt għal ħames snin li ġejjin ma' l-Awtorita tat- Turizmu fuq il-fond tal- propjeta' Torre Dello Standardo li bħalissa qed jintuza bħala Uffiċċju tat- Turizmu.

02.6.2 Il- Kunsill talab lis- SE biex jibgħat dan l-abbozz lill-Avukat tal-Kunsill għar-raġuni li hemm xi klawsoli li mhux qed jaqblu magħhom u għandhom jinbidlu.

**02.7 Rapport Finanzjarju għat-Tlett Xhur minn Jannar sa Marzu**

02.7.1 Is-SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra għal approvazzjoni ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur minn Jannar sa Marzu 2019. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel l-laqgħa.

02.7.2 Il-Kunsill approva dan ir-rapport. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw ir-rapport finanzjarju biex juru li huwa dokument korrett

**02.8 Talba għal ftehim ta' Twinning ma' Gatchina, Russia**

02.8.1 Is-SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra talba għal ftehim ta' kooperazzjoni ta' Town Twinning bejn il-belt ta' Gatchina mill-Federazzjoni Russa u l-belt ta' L-Mdina.

02.8.2 Il-Kunsill approva u talab lis- SE biex jibda l-proċeduri mad- Dipartiment għal- Gven Lokali fejn tintngħat ittra ta' approvazzjoni flimkien mad-dokumentazjoni meħtieġa.

## 02.9 Rapporti, Ilmenti u ordnijiet ta'xogħolijiet

02.9.1 Is- SE infurma lill-Kunsill li rċieva applikazzjoni mingħand il-Kapitlu Metropolitan għal depositu ta' scaffolding biex tiġi restawrata il-binja fejn hemm l-Uffiċċju. Il-Kunsill approva.

02.9.2 Il-Kuratur ta' Casino Notabile bgħat kwotazzjoni għall-installar ta' frame panels fejn ikun jistgħu jitwaħħlu il-pitturi. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni li ġiet sottomessa minn Picture House.

02.9.3 Il-Kunsill approva il-kwotazzjoni ta' Alberta għal installazzjoni ta' zewg kameras tas- siġurta biex jgħinu l-għassa tal-Pulizija.

02.9.4 Email mingħand id- Diretturi ta' Xara Palace fejn qed joffru li jgħinu finanzjarjament lill-Kunsill dak nhar ta' Jum l-Mdina biex issir l-ikla annwali lir-residenti bħala ringrazzjament tax-xogħol siewi li jsir ġewwa l-Mdina u lir-residenti tagħha. Il-Kunsill laqa' b'azzprezzament dan il-ġest tagħhom.

02.9.5 Talba mill-kumpanija NRGY organizzaturi ta' l-Mdina Food Festiva li ser isir bejn is- 17 u l-21 ta' Lulju 2019.

02.9.5.1 Il-Kunsill talab lis- SE biex ma jinħareġ ebda permess tal-Kunsill f'dan ir-rigward sakemm ma jintlaqawx ċertu kundizzjonijiet mposta u dan wara li s-sena l-oħra f'ħafna waqtiet matul il-ġranet tal-festival ġie imblukkat l-aċċess għar-residenti minn Greeks Gate.

02.9.6 Il-Kunsill rcieva talba mingħand id- Direttorat tar- Restawr biex jiġi installat il-meter tad-dawl biex titħaddem il-pompa tad-drenaġġ tal-Horse shed u l-ispejjez involuti jiġu mħallsa mill-Kunsill. Il-Kunsill approva.

02.9.7 Fond għal-proġetti mmirati lill-Kunsill rigward il-ħarsien ta' l-annimali. Is- Sur Joseph Debono ser jara' x'tinvolvi lill-Kunsill u jsiru t-taħdidiet meħtiega f'kaz li huwa vijabbli għal kunsill finanzjarjament.

02.9.8 Ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex ssir laqgħa mal-Kunsill nhar it- Tnejn 22 ta' Lulju 2019.

02.9.9 Talba għal no objection biex ssir il-Festa titulari tal-Karmnu ġewwa l-Mdina nhar il- Ħadd 21 ta' Lulju 2019.

02.9.10 Ittra mingħand is- Segretarjat għal Kunsilli Lokali biex fix- xahar ta'Ottubru l-Mdina tiċċelebra Pink October. Il-Kunsill aċċetta.

## 02.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

02.10.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib id-data tat-5 ta’Lulju 2019, (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 44,417.32

02.10.2 L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera Mary Ann Sultana li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Debono. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**02.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-17.56pm u ġiet aġġornata għas-7 ta' Awwissu 2019 fit-3pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data: 07-08-2019________